


Tiggarantixxi l-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja

IS-SISTEMA TA' INFORMAZZJONI TA' SCHENGEN





Is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS)

- Is-sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) hi sistema tal-IT li tiggarrantixxi l-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja fiż-żona Schengen
- Is-SIS tappoġġja l-**kooperazzjoni operattiva** u l-**iskambju ta' informazzjoni** bejn l-awtoritajiet nazzjonali
- Is-sistema tippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jivverifikaw allerti dwar persuni jew oġġetti mfittxija
- Is-SIS ġiet aġġornata u tinkludi elementi ġodda






X'tagħmel is-SIS?

- Issaħħaħ il-kooperazzjoni
- Tipproteġi lil dawk l-aktar vulnerabbli
- Timmaniġġja l-migrazzjoni irregolari
- Tiġġieled il-kriminalità
- Issaħħaħ il-kontrolli fil-fruntieri esterni
- Tissalvagwardja drittijietek





Issaħħaħ il-kooperazzjoni

- **Tipi addizzjonali ta' allerti dwar persuni u oġġetti** u azzjonijiet speċifiċi li jeħtieġ li jittieħdu
- It-timijiet tal-Frontex u aktar awtoritajiet nazzjonali kompetenti issa jaċċessaw id-*data* tas-SIS
- Il-**Europol** jista' jiskambja informazzjoni mal-Istati Membri dwar allerti li jikkonċernaw reati terroristiċi
- L-iskambju ta' informazzjoni supplimentari jsir b'mod imtejjeb permezz tal-punti ta' kuntatt nazzjonali ddedikati - **l-Uffiċċji SIRENE**




Kif taħdem fil-prattika?

Arrest bis-saħħa tas-SIS ta' suspettat allegat li wettaq stupru

- L-Irlanda bdiet tuża s-SIS matul Marzu 2021
- **Fl-14 ta' Mejju 2021, l-awtoritajiet Irlandiżi** ħarġu allert SIS għal arrest ta' konsenja għal persuna, **imfittxija rigward allegat stupru ta' persuna żagħżuġha** f'Munster fl-2019
- L-awtoritajiet kienu tal-fehma li s-suġġett kompli jkollu interazzjonijiet maż-żgħażaġħ taħt id-dsatax-il sena u minorenni f'kampijiet sportivi li jinsabu xi mkien ieħor
- **L-awtoritajiet Taljani sabu u arrestaw** is-suġġett fis-27 ta' Mejju 2021, **13-il jum biss wara li nħoloq l-allert tas-SIS Irlandiża**






Tipproteġi lil dawk l-aktar vulnerabbli

- Allerti ġodda dwar **tfal f'riskju ta' ħtif** u dwar **persuni vulnerabbli f'riskju** jappoġġjaw lill-awtoritajiet kompetenti biex:
 - jimpedixxu li jinħatfu t-tfal
 - jimpedixxu lit-tfal u lil persuni vulnerabbli oħrajn milli jittieħdu barra mill-pajjiż illegalment għall-protezzjoni tagħhom stess
- Dawn l-allerti jikkomplementaw **l-allerti dwar persuni neqsin**.
- **Il-persuni neqsin** jiġu identifikati wkoll bis-saħħa tal-marki tas-swaba' jew tad-DNA




Kif taħdem fil-prattika?



Teħid illegali ta' minuri barra mill-pajjiż ma jitħallix isir bis-saħħa tas-SIS


- **Istituzzjoni pubblika fi Stat Membru rrapportat** li tifla ta' 16-il sena kienet telqet mill-bini tagħha u la setgħet tinstab u lanqas tiġi kkuntattjata
- It-tifla tqiegħdet f'dak il-bini wara d-deċiżjoni ġudizzjarja biex tiġi protetta minn abbuż frekwenti u t-theddida li tittieħed f'pajjiż terz ta' orġini u tiġi mġiegħla tiżżewweġ bilfors
- Il-qraba tat-tifla **rranġaw biex jiħduha fil-pajjiż terz ta' orġini illegalment**, bl-użu ta' ajruport fi Stat Membru ieħor
- L-Istat Membru li qed jinvestiga l-każ daħħal alert tas-SIS immedjatament u wissa lill-awtoritajiet fl-Istat Membru kkonċernat
- Dawk **l-awtoritajiet sabu t-tifla fl-ajruport waqt li kienet tielqa ma' ġenitur**. It-tifla tqiegħdet immedjatament **taħt protezzjoni u eventwalment ġiet fdata lill-awtoritajiet fl-Istat Membru li ħareġ l-alert**





Timmaniġġja l-migrazzjoni irregolari

- Allert ġdid dwar **deċiżjonijiet ta' ritorn** u l-għodod imtejba **għal identifikazzjoni aħjar ta' ċittadini mhux tal-UE** soġġetti għal dawn l-allerti se jgħinu biex tiġi indirizzata l-migrazzjoni irregolari
- Is-sistema tippermetti t-tfittxija u l-verifika ta' jekk ċittadini mhux tal-UE humiex soġġetti għal allerti tas-SIS bl-użu tal-marki tas-swaba'
- *Data* ġdida dwar **dokumenti ffalsifikati**, inklużi **dokumenti tal-ivvjaġġar** u **stickers tal-viża**





Tiġġieled il-kriminalità

L-awtoritajiet tal-Istati Membri jużaw is-SIS:


- Biex jiġu arrestati **persuni mfittxija** għall-prosekuzzjoni jew kundanna ta' reati relatati mat-**terroriżmu** jew **reati serji**
- Għal kontrolli fuq **persuni involuti f'reati serji** u ċerti tipi ta' **oġġetti konnessi ma' reati serji**
- Biex jiġu lokalizzati u protetti **persuni neqsin**, biex jiġu protetti **persuni vulnerabbli f'riskju** li jeħtieġ li ma jitħallewx jivvjaġġaw jew jittieħdu barra mill-pajjiż, jew biex jinstabu **xhieda, konvenuti jew vittmi** tal-kriminalità mfittxija biex jassistu proċeduri ġudizzjarji
- Biex jidentifikaw kriminali **abbażi ta' marki tas-swaba' minn xeni ta' reat serju**
- Biex jinstabu **oġġetti mfittxija għas-sekwestru jew għall-użu bħala evidenza** fi proċedimenti kriminali



Kif taħdem fil-prattika?

Sejbien u arresti ta' awturi ta' kriminalità organizzata serja bis-saħħa tas-SIS

- L-Italja fittxet persuna li **pparteċipat f'organizzazzjoni kriminali**, li għenet u kienet kompliċi fl-**isfruttament tal-prostituzzjoni**, inklużi minorenni bejn Marzu 2014 u Ġunju 2019
- Fl-2020, l-individwu **twaqqaf isuq vettura** fl-Irlanda iżda dak iż-żmien ma kienx magħruf li l-persuna kienet imfittxija għal reati serji bħal dawn fl-Italja
- Fid-29 ta' Ġunju 2021, l-Italja ħarġet allert tas-SIS u **fl-istess jum is-suġġett ġie arrestat** fl-Irlanda



Issaħħaħ il-kontrolli fil-fruntieri esterni

Funzjonalitajiet addizzjonali fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen jippermettu:


- Rikonoxximent aktar mgħaġġel tal-gwardji tal-fruntiera ta' **ċittadini mhux tal-UE** soġġetti għal allerti **għal rifjut ta' dħul jew soġġorn**, jew li **joħolqu theddid għas-sigurtà**, u biex jidentifikaw **dokumenti possibbilment iffalsifikati**
- L-awtoritajiet iqabblu allerti dwar **ċittadini tal-UE** li huma mfittxija jew suspettati b'reat.




Kif taħdem fil-prattika?

Arrest bis-saħħa tas-SIS ta' persuna mfittxija għal serq

- **Persuna mingħajr dokumenti tal-identità waslet Lampedusa, flimkien mal-migranti**
- **Verifika fis-SIS bil-marki tas-swaba' tal-persuna**, permezz tal-hekk imsejħha funzjonalità **SIS – AFIS**, ippermettiet lill-awtoritajiet jaċċertaw li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti Ġermaniżi kienu daħħlu **mandat ta' arrest Ewropew b'konnessjoni ma' serq fil-konfront ta' dik il-persuna, iżda taħt isem ieħor**
- Il-**persuna maħruba ġiet arrestata** bil-ħsieb li tiġi kkonsenjata lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti Ġermaniżi





Tissalvagwardja drittijietek

- Drittijiet ta' **aċċess, korrezzjoni jew tħassir tad-*data* tiegħek** maħżuna fis-sistema
- Dritt li tkun **infurmat dwar l-alert tiegħek dwar ritorn jew alert għal rifjut ta' dħul u ta' soġġorn**
- **Proċedura legali** quddiem l-awtoritajiet kompetenti (inklużi l-qrati) għall-aċċess, il-korrezzjoni jew it-tħassir ta' *data* jew għall-kisba ta' kumpens għal kwalunkwe dannu li jirriżulta minn *data* pproċessata illegalment fi kwalunkwe Stat Membru
- ***Gwida għall-eżerċizzju tad-dritt ta' aċċess***



Inżommu l-kuntatt



ec.europa.eu/



europa.eu/



[@EU_Commission](https://twitter.com/EU_Commission)
[@EUHomeAffairs](https://twitter.com/EUHomeAffairs)



[EUTube](https://www.youtube.com/EUTube)
[Affarjiet Interni tal-UE](https://www.youtube.com/AffarjietInterniTalUE)



[@EuropeanCommission](https://www.facebook.com/EuropeanCommission)



[@EuropeanCommission](https://www.masthead.com/@EuropeanCommission)



[II-Kummissjoni Ewropea](https://www.linkedin.com/company/II-KummissjoniEwropea)



Grazzi

